MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 318/2009

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Sony Ericsson Mobile Communications AB.**

**vs**

**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno li b'digriet tas-6 ta' Lulju 2009 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti socjeta` esportatrici K.B. INT'L COMPANY LTD u lill-kunsinjatarju STE ZAKIA BEN ALI u SOCOTU.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera Sony Ericsson

Mobile Communications AB datat 27 ta' Marzu 2009 a fol. 1 tal-process fejn esponew: -

Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera Sony Ericsson Mobile Communications AB ta' NYA Vattentornet SE-221 88 Lund, Sweden sabiex jirraprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom;

Illi s-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs*, mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea: (a) s-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY', liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-27 ta' Marzu 2002 u moghti n-numru ta' registrazzjoni E2634632 (Dok "SEMC 1"); (b) l-kelma ERICSSON liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta' Jannar 2000 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 001459130 (Dok "SEMC 2") mis-socjeta` estera Telefonaktiebolaget L M Ericsson u li awtorizzat lis-socjeta` attrici Sony Ericsson Mobile Communications AB sabiex tipprocedi kontra kull vjolazzjoni tad-dritt ta' proprjeta` intelletwali skont l-affidavit datat 14 ta' Novembru 2006 (Dok "SEMC 3");

Illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru FSCU 6764129 li dahal gewwa l-Port Hieles fis-sebgha (7) ta' Frar 2009 fuq il-vapur CMA CGM VERLAINE liema *container* kien fih total ta' hamest elef hames mija u hamsin (5,550) accessorju tal-*mobiles* li kienu jinkludu *chargers, covers* u *batteries* (Dok "SEMC 4") kollha bis-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' u bil-kelma ERICSSON anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-*mobiles*, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intelletwali;

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta li l-accessorji tal-*mobile* inkluz l-ippakkeggjar tal-istess

accessorji hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li l-accessorji Sony Ericsson, fihom is-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’, il-kelma ERICSSON u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Sony Ericsson Mobile Communications AB, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ propjeta` intellewatli ta’ Sony Ericsson Mobile Communications AB u r-rapport tal-istess ser jigi pprezentat fil-mori tal-kawza;

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex *a tenur* tal-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Illi din il-merkanzija nqabbdet mill-Port Hieles ta’ Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa SOCOTU p/c STE ZAKIA BEN ALI minn Sousse, Tunesia, dan skont dak citat fil-polza ta’ taghbija numru SZ1485668(Dok “SEMC 5”);

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta**, kif ukoll ta’ l-**artikolu 10 (2) (b) tal-Att Dwar it-*Trademarks* (Kap 416)** u huma azzjonabbli b’applikazzjoni tad-disposizzjonijeit rilevanti tal-**artikoli 14-19** tal-istess **Kap 416** u l-**artikoli 7** u **8** tal-istess **Kap 414**;

Illi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom kull interess li jippromwovu din l-azzjoni gudizzjarja sabiex jikkawtelaw u jenforzaw l-jeddijiet taghhom;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’accessorji tal-*mobile* li fuqhom hemm s-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’, il-kelma ‘ERICSSON’ u li jinsabu prezentement taht l-Awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana

wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru FSCU 6764129 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-*mobile*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB, fir-rigward tat-*trademarks* taghha: s-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' moghti n-numru ta' registrazzjoni E2634632 (Dok SEMC1) u l-kelma ERICSSON liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta' Jannar 2000 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 001459130 (Dok "SEMC 2" & "SEMC 3"), u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti nominati ghal dan il-fini;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali accessorji tal-*mobile* 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjetajiet rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-accessorji tal-*mobile*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija accessorji tal-*mobile* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-iproceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess accessorji tal-*mobile*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 3) id-dokument esebiti kif jidhru a fol. 5 sa fol. 38 tal-process.

Rat id-digriet datat 6 ta' Lulju 2009 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entitajiet intimati.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta' Novembru 2009, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn

dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 25 ta' Awwissu 2009 (fol. 59) fejn ecceppew:-

(1) Illi l-partijiet m'humiex edotti mill-fatti u b'hekk qed jirriservaw id-dritt li jippresentaw risposta motivata fi stadju ulterjuri.

Salv risposta/eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista ta' xhieda tal-istess kuraturi a fol. 59 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta' Novembru 2009 fejn meta issejhet il-kawza deher Dr. Mark Busuttil li rrimetta ruhu ghall-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-19 ta' Novembru 2009.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti nkluzi d-dokumenti esebiti mar-rikors promotorju u mill-affidavits ta' Dr. Peter Fenech u ta' George Agius (22 ta' April 2008) fis-26 ta' Frar 2009 r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru FSCU 6764129 li dahal gewwa l-Port Hieles fis-7 ta' Frar 2009 fuq il-vapur CMA CGM VERLAINE liema *container* eventwalment instab li kien hemm fih total ta' hamest elef hames mija u hamsin (5,550) accessorju tal-*mobiles* li kienu jinkludu *chargers, mobibe phone covers* u

*batteries* (Dok "SEMC 4") kollha bis-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' u bil-kelma ERICSSON anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-*mobiles*, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intelletwali.

Illi fil-fatt mill-ezamijiet li saru fuq l-istess oggetti mis-socjeta' attrici inkluz mir-rapport datat 27 ta' Marzu 2009 (Dok. "SEMC 8" - fol. 33) dan irrizulta konfermat u b'hekk hemm ksur tad-drittijiet tas-socjeta' attrici kif indikati fl-azzjoni attrici u nkluz ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif ukoll ta' l-**artikolu 10 (2) (b) ta' l-Att Dwar it-*Trademark*s** (**Kap 416**) u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-**artikoli 14 u 19** tal-istess **Kap. 416 u l-artikoli 7 u 8 ta' l-istess Kap 414;** jirrizulta wkoll li l-istess kontejner, bl-oggetti li kien hemm fih, nkluzi allura dawk mertu tal-kawza odjerna kienu spediti mis-socjeta' esportatrici intimata u destinata lill-intimat konsenjatarji STE ZAKIA BEN ALI u SOCUTU u b'hekk it-talbiet attrici gew kollha ppruvati u ma huma bl-ebda mod kontrastati u ghalhekk qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma b'xi inkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'accessorji tal-*mobile* li fuqhom hemm is-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY', il-kelma 'ERICSSON' u li jinsabu prezentement taht l-Awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru FSCU 6764129 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-*mobile*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB, fir-rigward tat-*trademarks* taghha: s-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' moghti n-numru ta' registrazzjoni E2634632 (Dok. "SEMC1") u l-

kelma ERICSSON liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta' Jannar 2000 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 001459130 (Dok "SEMC 2" & "SEMC 3").

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni jiddistruggi 'l fuq imsemmija accessorji tal-*mobile*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talba tas-socjeta' rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija accessorji tal-*mobile* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-proceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni nkluz l-ispejjez kollha nkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess accessorji tal-*mobile*.

Bl-ispejjez kontra l-entita' konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------